**KONFERENZA TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI**

**Brussell, 14 ta' Mejju 2012**
**(OR. en)**

**CIG 1/12**

Suġġett: Protokoll dwar it-tħassib tal-poplu Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbona

# PROTOKOLL
# DWAR IT-TĦASSIB TAL-POPLU IRLANDIŻ
# DWAR IT-TRATTAT TA' LISBONA

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA’ ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U TAL-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem "IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA",

FILWAQT LI JFAKKRU fid-Deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tas-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill Ewropew, fit-18 u d-19 ta' Ġunju 2009, dwar it-tħassib tal-poplu Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbona;

FILWAQT LI JFAKKRU fid-dikjarazzjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, imlaqqgħin fil-Kunsill Ewropew, fit-18 u d-19 ta' Ġunju 2009 li, waqt il-konklużjoni tat-Trattat ta' Adeżjoni li jmiss, jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet ta' dik id-Deċiżjoni fi Protokoll li jinhemeż, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom, mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

FILWAQT LI JINNOTAW l-iffirmar mill-Partijiet Kontraenti Għolja tat-Trattat bejn il-Partijiet Kontraenti Għolja u r-Repubblika tal-Kroazja dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea;

QABLU dwar id-dispożizzjonijet li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea:

## TITOLU I

## ID-DRITT GĦALL-ĦAJJA, IL-FAMILJA U L-EDUKAZZJONI

### ARTIKOLU 1

Xejn fit-Trattat ta' Lisbona li jattribwixxi status legali lill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jew fid-dispożizzjonijiet ta' dak it-Trattat fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ma jaffettwa bi kwalunkwe mod l-ambitu u l-applikabbiltà tal-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja fl-Artikolu 40.3.1, 40.3.2 u 40.3.3, il-protezzjoni tal-familja fl-Artikolu 41 u l-protezzjoni tad-drittijiet fir-rigward tal-edukazzjoni fl-Artikoli 42 u 44.2.4 u 44.2.5 previsti mill-Kostituzzjoni tal-Irlanda.

## TITOLU II

## TASSAZZJONI

### ARTIKOLU 2

Xejn fit-Trattat ta' Lisbona ma jibdel bi kwalunkwe mod, għal kwalunkwe Stat Membru, il-firxa jew l-operat tal-kompetenza tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-tassazzjoni.

# TITOLU III

# SIGURTÀ U DIFIŻA

## ARTIKOLU 3

L-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali hija ggwidata mill-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali.

Il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-Unjoni hija parti integrali mill-politika estera u ta' sigurtà komuni u tipprovdi lill-Unjoni b'kapaċità operattiva li twettaq missjonijiet barra mill-Unjoni għaż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni tal-konflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

Hija ma tippreġudikax il-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' kull Stat Membru, inkluża l-Irlanda, jew l-obbligi ta' kwalunkwe Stat Membru.

It-Trattat ta' Lisbona la jaffettwa u lanqas jippreġudika l-politika tradizzjonali Irlandiża ta' newtralità militari.

Ser ikun għall-Istati Membri - inkluża l-Irlanda, li taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà u mingħajr preġudizzju għall-politika tradizzjonali tagħha ta' newtralità militari - li jiddeterminaw in-natura tal-għajnuna jew assistenza li għandha tiġi pprovduta lil Stat Membru li jkun l-oġġett ta' attakk terroristiku jew il-vittma ta' aggressjoni armata fit-territorju tiegħu.

Kwalunkwe deċiżjoni lejn difiża komuni ser teħtieġ deċiżjoni unanima tal-Kunsill Ewropew. Ser ikun għall-Istati Membri, inkluża l-Irlanda, li jiddeċiedu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona u mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom, jekk jadottawx difiża komuni jew le.

Xejn f'dan it-Titolu ma jaffettwa jew jippreġudika l-pożizzjoni jew il-politika ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor dwar is-sigurtà u d-difiża.

Huwa wkoll għal kull Stat Membru li jiddeċiedi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona u ma’ kwalunkwe rekwiżit legali domestiku, jekk jipparteċipax f'kooperazzjoni strutturata permanenti jew fl-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.

It-Trattat ta' Lisbona ma jipprevedix il-ħolqien ta' armata Ewropea jew lieva għal kwalunkwe formazzjoni militari.

Huwa ma jaffettwax id-dritt tal-Irlanda jew ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor li jiddetermina n-natura u l-volum tan-nefqa tiegħu għad-difiża u s-sigurtà u n-natura tal-kapaċitajiet ta' difiża tiegħu.

Ser ikun għall-Irlanda jew għal kwalunkwe Stat Membru ieħor, li jiddeċiedu, f'konformità ma' kwalunkwe rekwiżit legali domestiku, jekk jipparteċipawx fi kwalunkwe operazzjoni militari jew le.

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

ARTIKOLU 4

Dan il-Protokoll għandu jibqa' miftuħ għall-iffirmar mill-Partijiet Kontraenti Għolja sat-30 ta' Ġunju 2012.

Dan il-Protokoll għandu jiġi ratifikat mill-Partijiet Kontraenti Għolja, u mir-Repubblika tal-Kroazja, fil-każ li dan il-Protokoll ma jkunx daħal fis-seħħ sad-data tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifika għandhom jiġu depożitati mal-Gvern tar-Repubblika Taljana.

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ, jekk ikun possibbli, fit-30 ta' Ġunju 2013, bil-kondizzjoni li jkunu ġew depożitati l-istrumenti ta' ratifika kollha, jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-ewwel jum tax-xahar wara d-depożitu tal-istrument ta' ratifika mill-aħħar Stat Membru li jieħu dan il-pass.

ARTIKOLU 5

Dan il-Protokoll, imfassal f'oriġinal wieħed bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża, bit-test ta' kull waħda ugwalment awtentiku, għandu jiġi depożitat fl-arkivji tal-Gvern tar-Repubblika Taljana, li għandu jibgħat kopja ċertifikata lil kull wieħed mill-gvernijiet tal-Istati Membri l-oħrajn.

Ladarba r-Repubblika tal-Kroazja tkun intrabtet b'dan il-Protokoll f'konformità mal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, it-test Kroat ta' dan il-Protokoll, li jkun awtentiku daqs it-testi msemmija fl-ewwel paragrafu, għandu wkoll jiġi depożitat fl-arkivji tal-Gvern tar-Repubblika Taljana, li għandu jibgħat kopja ċertifikata lil kull wieħed mill-gvernijiet tal-Istati Membri l-oħrajn.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji sottoskritti ffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi Brussel f'dan is-sittax-il jum ta' Mejju fis-sena elfejn u tnax.